SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ħamis 29 ta' Lulju 2010 fid-9:00 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-ittra ta' ringrazzjament minghand l-Arka Respite Centre fejn irringrazzjaw lill-Kunsill tal-għotja li għaddejna bħala parti mill-ġemellaġ biex ikunu jistgħu jieħdu lill-persuni bi bżonnijiet speċjali f'Colle Umberto.

**4.0 Il-proġett tal-pjazza u l-isqaqien taħt il-Mizura 323 u 313 tal-Unjoni Ewropea**

4.1 Is-Sindku bi pjaċir ħabbar li l-proġett tal-pjazza u l-isqaqien taħt mizura 323 ġie approvat iżda bħala ammont eliġibli għad mhux ikkonfermat għax il-Kunsill intalab jagħmel reviżjoni tal-ammonti mitluba. Is-Sindku semma wkoll li l-proġett tad-dwal u għamara tat-toroq tal-isqaqien u l-pjazza taħt miżura 313 qiegħed fil-*waiting list* u minn informazzjoni li intgħaw is-Sindku u s-Segretarja fil-laqgħa li saret dwar dawn il-proġetti, hemm il-possibililta' li jiġi approvat ukoll. Is-Sindku semma li l-kuntratt għandu jiġi ffirmat f'Awissu.

**5.0 Il-proġett tal-bankini ta' Triq id-Duluri**

5.1 Is-Sindku semma li minkejja l-problemi li nqalgħu waqt l-andament tax-xogħol, ix-xoghol jidher li sar sewwa u t-triq ħadet dehra verament mill-isbaħ. Il-Kunsill qabel li sabiex ikompli jsebbaħ it-triq għandu jixtri pots tal-konkrit u jitħawwlu pjanti fihom matul din l-istess triq.

5.2 Sar qbil ukoll li qabel il-festa, għandha tinqala' mill-ġdid it-traffic island li hemm ħdejn il-knisja u ssir parti bil-printed konkrit u l-kumplament bil-ħamrija. Il-kunsill qabel li għandu jipproċedi fuq l-istima miġbura mingħand is-Sur Joe Grima għal prezz ta' €1200.

**6.0 L-istudju għal-lokalita' sostenibbli**

6.1 Preżenti għall-laqgħa kien hemm il-perit Chris Falzon li huwa l-Perit li ġie mqabbad mill-Kunsill biex jagħamel ix-xogħol fuq l-istudju ta' San Lawrenz – Lokalita' Sostenibbli fejn fiehem fid-dettal il-kontenut tar-rapport. Huwa ta' overview summary li ġiet ibbażata fuq id-dokument li kien prepara l-Kunsill li permez tiegħu ngħata l-fondi biex jipprepara dan l-Istudju. Il-Perit Falzon ta' deskrizzjoni dettaljata tal-kontenut u r-riżultati mistennija mill-proposti msemmija. Il-Kunsill iddiskuta mal-perit il-problemi tal-barrieri u radam illegali. Dan ir-rapport jinkludi wkoll proposti ġodda fosthom ta' *market* bi prodotti lokali u punti oħra. Ir-Rapport jinkludi wkoll is-sajd u l-maniġjar tad-Dwejra fejn jisħaq li l-Kunsill għandu jkollu rwol akbar fuq l-immaniġjar tagħha. Isemmi ukoll il-kwistjoni tas-sajd u l-fatt li l-Kunsill ma jridx 'mass fishing' għad-detriment tas-sajjieda lokali. Punt ieħor importanti f'dan ir-rapport hija l-proposta ta' transport sostenibbli bejn l-irħula ġirien u r-Rabat. Ġie diskuss ukoll il-possibilita' ta' transport bir-roti. Ir-rapport isemmi wkoll il-problema tal-barrieri li qed tkun ta detriment għal-lokalita' u wkoll il-problema tad-demografija fejn l-istess rapport ikompli jisħaq fuq l-importanza li għandu jkun hemm area fejn il-lokalita' tikber permezz ta' kopji ġodda fil-lokalita'.

6.2 Kien hemm qbil li dan ir-rapport għandu jiġi approvat u jiġi ppreżentat lis-Segretarju Parlamentari.

**7.0 Restawr tan-niċċa tad-Duluri**

7.1 Is-Sindku ħabbar ukoll li l-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta taħt Memo 21/2010 ġiet aċċettata. Il-Kunsill ingħata €6000 biex jirrestawra n-niċċa tad-Duluri li hemm mal-faċċata taċ-Ċentru Parrokjali. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-Perita Ivana Farrugia biex tipprepara d-dokumenti għall-permessi meħtieġa u tal-offerta biex eventwalment noħorġu l-offerta għall-pubbliku.

## 8.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

8.1 Waqt il-laqgħa ġew approvati dawn il-pagamenti:-

| | **Date** | **Supplier** | **Description** | **Amount (€)** |
|---|---|---|---|---|
| 2928 | 24.6.2010 | Joseph Farrugia | Rebate on Solar Heater | 140 |
| 2929 | | Cancelled | | |
| 2930 | 24.6.2010 | Noel Formosa | Councillor's June Allowance | 480 |
| 2931 | 24.6.2010 | Anthony Formosa | Councillor's June Allowance | 480 |
| 2932 | 24.6.2010 | Luigia Grima | Councillor's June Allowance | 480 |
| 2933 | 24.6.2010 | John Mercieca | Councillor's June Allowance | 480 |
| 2934 | 24.6.2010 | Joseph Sultana | Councillor's June Allowance | 480 |
| 2935 | 24.6.2010 | Michaelina Mercieca | Rebate on Solar Heater | 140 |
| 2952 | 30.6.2010 | Carmen Micallef | June Salary & Bonus | 995.95 |
| 2953 | | Cancelled | | |
| 2954 | 30.6.2010 | Lucienne Haber | June Salary & Bonus | 1574.38 |
| 2955 | 30.6.2010 | Noel Formosa | June Allowance | 380.33 |
| 2956 | 7.7.2010 | Arka Respite Centre | Donation re Twinning relation | 200 |
| 2957 | 14.7.2010 | Serafin Formosa | 23 truck trips & ramel | 126.18 |
| 2958 | 14.7.2010 | Rita Formosa | Childcare for June (8 days x 4hrs x €4.66) | 149.12 |
| 2959 | 14.7.2010 | Jacqeuline Farrugia | Childcare for June (8 days x 4hrs x €4.66) + 23.55 various expences | 172.67 |
| | | Claudia Vella | Reimbursement of Veneto Course Expense (Paid extra to Local Council) | 87 |
| | | Claire Attard | 35 ¼ hrs at 4.66 re Library during February to June 2010 | 164.27 |
| | | Victory Garage | Transport re Youth Exchange, October Activity | 280.10 |
| | | Almar Pet Shop | 3 Funeral Bouquets | 54 |
| | | Mary Grima | Reception icw October Activity | 387.90 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Office Club | Binding Machine and combs | 209.47 |
| | | Joe Grima | Uprooting trees and cleaning around church parvis and removal of peebles from Dwejra pier | 700.09 |
| | | Sourcelite | Provision of Lighting during D-Link activity | 2,370 |
| | | Francis Caruana Ltd (Bubbles Bathrooms) | Tiles for Playschool yard | 617.93 |
| | | Culture Section (Dept of Customer Services) | Printing of two backdrops for stand during Lejlet Lapsi | 250 |
| | | | **TOTAL €11,400.20** | |

## 9.0 Materji oħra

9.1 Is-Sindku semma li reġgħu twaħħlu tabelli slippery fuq ir-rampi tad-Dwejra biex jiġu evitati inċidenti.

9.2 Il-Kunsillier John Mercieca propona li għandhom jinxtraw żewġ xkupi tal-istainless steel biex inneħħu l-ħass mis-slipways tad-Dwejra biex ma jibqgħux jiżolqu.

9.3 Sar qbil li għandhom jinzebgħu *double yellow lines* fid-daħla tal-plots u fi Triq it-Torri.

9.4 Fi tmiem il-laqgha il-Kunsill tella' b'lotterija r-rebbieħ abbinat mal-kwestjonarju tal-istudju ta' l-iżvilupp sostenibbli. Ir-rebbieħa hija s-Sinjura Gillian Martin ta' Triq it-Torri.

Il-laqgħa ntemmet fil-11:30 ta' filgħodu.

***Noel Formosa*** — ***Lucienne Haber***
***Sindku*** — ***Segretarju Ezekuttiv***